31978R1853

2.8.1978 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 212/1

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1853/78

## tal-25 ta' Lulju 1978

## li jadotta regoli ġenerali b'konnessjoni ma' miżuri speċjali għaż-żerriegħa tar-riġnu

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2874/77 tad-19 ta' Diċembru 1977 li jippreskrivi miżuri speċjali fir-rigward taż-żerriegħa tar-riġnu [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 2(4) u l-Artikolu 3 tiegħu,

Waqt li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2874/77 jirrikjedi l-adozzjoni ta' regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna, regoli dettaljati għall-ivverifikar tad-dritt għall-għajnuna u l-kondizzjonijiet meħtieġa li jridu jilħqu l-impriżi ta' proċessar taż-żerriegħ sabiex ikunu intitolati għall-għajnuna; billi l-Artikolu 3 tiegħu jeħtieġ li l-kriterji għall-istabbilizzazzjoni tal-prezz dinji tas-suq iridu jiġu preskritti;

Billi l-prezz dinji tas-suq irid jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-possibiltajiet ta' xiri l-aktar favorevoli fuq dak is-suq;

Billi l-figuri rilevanti għandhom ikunu dawk rikordjati matul il-perjodu tal-*marketing* għaż-żerriegħa tal-Komunità għall-offerti fuq is-suq dinji u l-prezzijiet ikkwotati fuq il-kamji internazzjonali prinċipali; billi, iżda, dawk l-offerti li ma jistgħux jitqiesu rappresentattivi tax-xejra reali tas-suq għandhom jiġu skartati;

Billi, jekk ma hemmx offerti jew prezzijiet rappresentattivi għaż-żerriegħa tar-riġnu, il-prezz dinji tas-suq għaż-żerriegħa tar-riġnu għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-valur tal-prodotti li jirriżultaw mill-ipproċessar tagħha; billi jekk l-offerti u l-prezzijiet għaż-żerriegħa tar-riġnu fis-suq dinji jistgħu jqiegħdu fil-periklu l-bejgħ ta' żerriegħa tar-riġnu prodotta fil-Komunità, il-prezz tas-suq dinji għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-valur tal-kwantitajiet medji ta' żejt u kejk taż-żejt li joħorġu mill-ipproċessar ta' żerriegħa tar-riġnu bl-ispejjeż ta' l-ipproċessar imnaqqsa; billi, jekk ma jkunx hemmx offerti u prezzijiet għaż-żerriegħa tar-riġnu, iż-żejt u l-kejk taż-żejt, il-prezz tas-suq dinji għaż-żerriegħa tar-riġnu għandu jiġi stabbilit fl-istess livell bħal prezz ta' gwida;

Billi, biex jiġi żgurat l-operat kif suppost tas-sistema ta' l-għajnuna, il-prezz tas-suq dinji jrid jiġi rekordjat għal punt fejn tinqasam il-fruntiera Komunitarja; billi meta jiġi ffissat dan il-punt għandu jingħata kont tal-limitu sa fejn huwa rappresentattiv għall-importazzjonijiet ta' dik iż-żerriegħa u għalhekk il-port ta' Rotterdam għandu jiġi magħżul; billi l-offerti u l-prezzijiet ikollhom jiġu aġġustati jekk jirrelataw għal punt differenti tal-qsim tal-fruntiera;

Billi aġġustamenti bħal dawk għandhom isiru lill-offerti u l-prezzijiet adottati sabiex jikkumpensaw għal kull varjazzjoni mill-kriterji ta' presentazzjoni u ta' kwalità wżati meta jiġi ffissat il-prezz tal-gwida;

Billi, b'attenzjoni għall-operat kif suppost tas-sistema ta' l-għajnuna, għandha tiġi speċifikata li l-għajnuna għandha tingħata għall-kwantità eżatta ta' żerriegħa tar-riġnu maħsuda u pproċessata fil-Komunità u lill-impriżi li d-dokumenti tal-ħażna jkunu jippermettu li l-kwantità ta' żerriegħa pproċessata tal-Komunità tiġi verifikata jekk il-kuntratt bejn dawk l-impriżi u l-produtturi jkun ġie depositat ma' l-aġenzija kompetenti fl-Istat Membru li fih iż-żerriegħa tiġi prodotta;

Billi d-dritt għall-għajnuna jiġi akkwistat fiż-żmien ta' l-ipproċesar taż-żerriegħa; billi, iżda, għandu jiġi speċifikat li l-għajnuna tista' tiġi avvanzata lill-partijiet interessati qabel ma' l-prodotti jkunu pproċessati; billi sabiex tiġi evitata l-frodi huwa meħtieġ li jiġi speċifikat li garanzija trid tingħata biex jiġi żgurat l-ipproċessar tal-prodotti li għalihom titħallas l-għajnuna;

[1] ĠU L 332, ta' l-24.12.1977, p. 1.

Billi l-Istati Membri produtturi u l-Istati Membri li fihom iż-żerriegħa għandha tiġi pproċessata għandhom jinħtieġu li jwaqqfu l-arranġamenti ta' kontroll meħtieġa biex jiżguraw l-operat kif suppost tas-sistema ta' l-għajnuna; billi l-arranġamenti ta' kontroll għandhom b'mod partikolri jippermettu li jsiru verifiki dwar l-osservanza tal-prezz minimu riferit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2874/77 u jiġu evitati applikazzjonijiet mhux ġustifikati għall-għajnuna; billi għall-għanijiet ta' kontroll l-Istati Membri għandhom jgħinu lil xulxin;

Billi disposizzjoni speċjali għandha ssir għal verifiki fuq żerriegħa li hija proċessata fi Stat Membru u ma jkunx dak li fih ġiet prodotta,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Il-prezz tas-suq dinji għaż-żerriegħa tar-riġnu għandu jiġi stabbilit b'mod konformi mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 38 tar-Regolament Nru 136/66/KEE.

2. Matul il-perjodu l-aktar rappresentattiv għall-bejgħ ta' żerriegħa li toriġina fil-Komunità il-prezz tas-suq dinji għandu jiġi stabbilit perjodikalment. L-aħħar prezz stabbilit matul il-perjodu msemmi għandu jiġi wżat għall-iffissar ta' l-għajnuna li trid tiġi applikata għall-bqija tas-sena tal-marketing.

3. Fl-istabbiliment tal-prezz tas-suq dinji, għandhom jitqiesu l-offerti magħmula fis-suq dinji għat-twassil matul il-perjodu riferit fil-paragrafu 2 u l-prezzijiet ikkwotati għat-twassil matul l-istess perjodu fuq il-kambji internazzjonali prinċipali.

4. Il-prezz tas-suq dinji għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-possibilitajiet attwali ta' xiri l-aktar favorevoli mingħajr ma jingħata każ ta' offerti u prezzijiet li ma jistgħux jiġu kunsidrati bħala rappesentattivi tax-xejra attwali tas-suq.

*Artikolu 2*

Fejn l-ebda offerta u l-ebda prezz ma jista' jintuża biex jiġi stabbilit il-prezz tas-suq dinji taż-żerriegħa tar-riġnu, il-prezz għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi ta' offerti u prezzijiet fuq is-swieq dinjija u Komunitarji għaż-żejt tar-riġnu u l-kejk taż-żejt. Għal dak il-għan għandu jitqies il-valur tal-kwantitajiet medji ta' żejt u kejk taż-żejt miksuba fil-Komunità mill-ipproċessar ta' 100 kilogramma ta' żerriegħa tar-riġnu b' ammont li jirrappresenta l-ispiża ta' l-ipproċessar taż-żerriegħa f' żejt u kejk ta' żejt imnaqqsa.

*Artikolu 3*

Fejn l-ebda offerta u l-ebda prezz ma jista' jintuża biex jiġi stabbilit il-prezz tas-suq dinji għaż-żerriegħa tar-riġnu u, ukoll, fejn huwa impossibbli li jiġi stabbilit il-valur tal-kejk taż-żejt jew żejt ipproċessat minn żerriegħa bħal din, il-prezz tas-suq dinji għandu jkun ugwali għall-prezz tal-gwida għaż-żerriegħa tar-riġnu.

*Artikolu 4*

Il-prezz tas-suq dinji għandu jiġi stabbilit għal żerriegħa bil-kwantità mwassla Rotterdam ta' kwalità standard li fir-rigward tagħha jkun ġie ffissat il-prezz ta' gwida.

Fejn l-offerti u l-prezzijiet ma jħarsux il-kondizzjonijiet stipulati fl-ewwel subparagrafu hawn fuq għandhom isiru l-aġġustamenti meħtieġa.

*Artikolu 5*

L-għajnuna kif provvduta fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2874/77 għandha tingħata taħt il-kondizzjonijiet stipulati f'dak l-Artikolu għal żerriegħa tar-riġnu maħsuda u pproċessata fil-Komunità bil-ħsieb tal-produzzjoni taż-żejt.

*Artikolu 6*

1. L-għajnuna għandha tingħata lill-impriżi li jipproċessaw żerriegħa tar-riġnu:

(a) jekk, mhux aktar tard minn data speċifikata, kuntratt li jikkonforma mal-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2874/77 u dawk li jridu jiġu preskritti skond il-paragrafu 5 ta' l-istess Artikolu jkun ġie depositat ma' l-aġenzija li l-Istat Membru li fih tkun ġiet prodotta ż-żerriegħa jkun ħatar għal dak il-għan; u

(b) jekk ikunu talbu lill-awtorità kompetenti biex jassumu d-dmirijiet ta' l-ispezzjonar taż-żerriegħa tar-riġnu fil-miħna ta' l-għasir taż-żejt; u

(ċ) jekk, bil-ħsieb li jiġi vverifikat d-dritt għall-għajnuna:

— iżommu dokumenti separati tal-ħażniet għal żerriegħa maħsuda fil-Komunità u barra minnha, li juru, mill-inqas, il-kwantitajiet u l-kwalità taż-żerriegħa tar-riġnu mdaħħla minnhom, id-data tad-dħul tagħha u l-kwantità ta' żejt prodotta u mibgħuta,

— ifornu, fejn xieraq, kull dokument ieħor ta' appoġġ meħtieġ biex jiġi vverifikat id-dritt għall-għajnuna.

2. Fejn iż-żerriegħa għandha tiġi pproċessata fi Stat Membru ieħor li ma jkunx dak li fih ġiet prodotta, l-għajnuna għandha tingħata jekk l-impriża ta' l-ipproċessar tibgħat lill-aġenzija maħtura mill-Istat Membru li fih tkun ġiet ipproċessata ż-żerriegħa dokument ippreparat f'isimha skond l-Artikolu 10(3).

*Artikolu 7*

L-ammont ta' l-għajnuna għandu jkun dik validu fil-jum li fih il-parti interessata titlob lill-aġenzija kompetenti biex tassumi d-dmirijiet ta' l-ispezzjoni taż-żerriegħa fil-miħna ta' l-għasir taż-żejt fejn tiġi pproċessata.

*Artikolu 8*

Id-dritt għall-għajnuna jinħoloq fil-ħin li ż-żerriegħa tiġi pproċessata bil-ħsieb tal-produzzjoni taż-żejt. L-għajnuna tista', madankollu, titħallas bil-quddiem malli l-prodott ikun ġie suġġett għall-ispezzjoni, b'dan illi garanzija tiġi depositata kontra l-ipproċessar tagħha.

*Artikolu 9*

1. Il-piż taż-żerriegħa msemmija fl-Artikolu 5 għandu jiġi stabbilit u kampjuni meħuda mal-wasla fil-miħna tal-għasir taż-żejt fejn tiġi pproċessata.

2. L-ammont ta' l-għajnuna għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-piż, aġġustat skond dawk id-differenzi li jistgħu jeżistu bejn il-perċentwali ta' umdità u ta' l-impuritajiet rekordjati u l-perċentwali li jgħoddu għall-kwalità standard li għaliha l-prezz tal-gwida ġie fissat.

*Artikolu 10*

1. L-Istati Membri produtturi għandhom jivverifikaw li l-kuntratt jikkonforma mal-kondizzjonijiet preskritti.

2. L-Istati Membri produtturi għandhom jagħmlu spezzjonijiet kif jiġi jiġi fuq il-post biex jistabbilixxu li ż-żoni indikati fil-kuntratti huma korretti.

3. Meta jiġi applikat l-Artikolu 6(2) dokument għandu jitfassal fl-Istat Membru produttur li jiċċertifika li l-kuntratt jikkonforma mal-kondizzjonijiet preskritti u li jiddikjara li ż-żerriegħa msemmija fid-dokument hija eliġibbli għall-għajnuna.

4. L-Istati Membri li fihom iż-żerriegħa msemmija fl-Artikolu 5 hija pproċessata għandhom iwettqu l-verifiki fuq id-dħul u l-ipproċessar ta' din iż-żerriegħa fil-miħna ta' l-għasir taż-żejt sabiex jiżguraw li l-għajnuna hija mogħtija biss fir-rigward taż-żerriegħa li tikkwalifika għaliha.

5. Kull Stat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni, qabel id-dħul tagħhom fis-seħħ, id-disposizzjonijiet li qed jadotta sabiex jiżgura li jsiru l-verifiki kif provvduti fil-paragrafu 4.

*Artikolu 11*

L-Istati Membri għandhom jgħinu lil xulxin meta japplikaw dan ir-Regolament.

*Artikolu 12*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara l- pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Kominitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Ġunju 1978.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. ERTL